MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 491/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C – 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mark Anthony Portelli abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Mark Anthony Portelli**

**vs**

**John Farrugia f'ismu personali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-17 ta’ Mejju tas-sena 2005, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti nomine u r-rikorrenti Portelli sejhu lill-intimat Farrugia proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat :

1. Illi prevja kull dikjarazzjoni ta’ responsabbilita` skont il-ligi, jhallas lir-rikorrenti s-somma totali ta’ tlett elef, mitejn u tlieta u tmenin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu, (Lm3,283.91), jew somma ohra verjuri, in kwantu ghall-ammont ta’ tlett elef, mija u tmien Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu, (Lm3,108.91), jew somma ohra verjuri, lis-socjeta` rikorrenti Fogg Insurance Agencies Limited nomine, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Mark Anthony Portelli, assigurat taghha, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta` rikorrenti, u inkwantu ghas-somma ta’ mija u hamsa u sebghin Lira Maltin, (Lm175.00), lir-rikorrenti Mark Anthony Portelli, ammont rapprezentanti *excess payment* skont il-polza ta’ assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta’ Ottubru, 2003, ghall-habta tan-nofs siegha ta’ fil-ghodu, gewwa Triq Hal Far, Ex-Runway, Birzebbugia, illi fih kienet involuta l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni MAP – 777 proprjeta` ta’ l-attur Mark Anthony Portelli, liema incident sehh minhabba xoghlijiet effettwati b’mod negligenti u traskurat mir-rikorrenti f’nofs it-triq in kwistjoni, minghajr ebda sinjal jew indikazzjonijiet skont il-ligi;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata l-21 ta’ Ottubru tas-sena 2003 u tal-mandat kawtelatorju li qed jigu pprezentati kontestwalment ma’ dan l-att, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficcjali datata l-21 ta’ Ottubru tas-sena 2003 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimat li hu ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-kapitolu datat it-28 ta’ Gunju, 2005;

Rat is-sentenza ta’ din il-qorti diversament preseduta datata s-7 ta’ Mejju tas-sena 2009, fejn ordnat ir-ritrattazzjoni tal-istess kawza;

Rat ir-risposta tal-intimat fil-kwalita` personali tieghu datata s-27 ta’ Lulju, 2008, li permezz taghha irrisponda s-segwenti:

1. Illi l-esponent mhux responsabbli ghall-incident de quo lanqas ghad-danni kkonsegwenzjali allegatament mgarrba mir-rikorrenti;
2. Illi konsegwentement fejn jirrigwarda l-esponent ma hemmx danni x’jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti ghandhom igibu l-prova skont il-ligi tal-quantum tad-danni pretizi minnhom;

3. Illi inoltre m’hemmx lok ghall-kundanna tal-esponent ghall-hlas ta’ danni favur ir-rikorrenti;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat ir-risposta ta’ John Abela bhala stralcjarju tas-socjeta` intimat datata l-11 t’Awwissu, 2008, li permezz taghha irrispondiet bil-mod segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom peress illi mhux minnu illi l-incident stradali mertu tal-kawza gie kagunat minhabba xoghlijiet effettwati mis-socjeta` konvenuta b’mod negligenti u traskurat f’nofs Triq Hal Far, ex *“runway”*, Birzebbugia minghajr ebda sinjali jew identifikazzjoni skont il-ligi, kif qed jigi allegat mir-rikorrenti;

2. Illi s-socjeta` eccipjenti hadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesti waqt li kienet qed tesegwixxi x-xoghlijiet in kwistjoni, u ghalhekk ma taghti bl-ebda mod ghall-akkadut;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata l-4 ta' Marzu, 2009, li permezz taghha esprimew il-qbil taghhom rigwardanti isem is-socjeta` intimata li ghandu jinqara "Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited" kull fejn jirrikorri;

Ezaminat id-dokumenti kollhaipprezentati;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti skont ir-rikorrenti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi waqt li ghall-habta tas-saghtejn u nofs u hames minuti ta' fil-ghodu ta' nhar is-27 t'Ottubru tas-sena 2002 ir-rikorrenti kien qed isuq il-vettura tal-marka Opel bin-numru ta' registrazzjoni MAP – 777 fi Triq Hal Far, ("*ex-runway*"), Birzebbugia, limiti ta' Hal Far, fid-direzzjoni tal-fabbrika tal-"Brandstatter", lemah gandott, u nonostante li iffrena il-vettura li kien qed isuq, baqa' niezel fil-gandott peress li l-vettura skidjat fit-trab, (ara rapport tal-incident a fol 66);

2. Illi fid-dispozizzjoni guramentata tieghu l-istess rikorrenti Portelli jafferma li ma kienx jaf li fit-triq de quo kien hemm sit ta' kostruzzjoni, (ara fol 71);

3. Illi di piu`, l-istess rikorrenti jostni wkoll li t-triq fejn sehh l-incident in dizamina kienet imdallma, (ara fol 71);

4. Illi jsostni wkoll li kif wasal fil-post fejn sehh l-incident:

“ … indunajt illi kien hemm xi imbarazz fit-triq li ma kienx tas-soltu, kien injam u xi gebel u ‘l boghod rajt il-*barriers*. Kien hemm ukoll *barriers* tal-konkos pero`, l-*barriers* ma kienux fuq in-naha fejn kont qieghed insuq jiena izda fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq, allura ghafast il-*brake* u ghamilt wahda ta’ *supercar*, (ara fol 72);

5. Illi meta r-rikorrenti ghafas il-*brake*:

“ … il-karozza tieghi taret fuq il-hofra li kien hemm m’oghla tlett (3) sulari u habtet mal-faccata ta’ din il-hofra”, (ara fol 72);

6. Illi l-karozza spiccat imwahhla fl-arja f’nofs l-imsemmija hofra;

7. Illi l-uniku dawl li kien hemm kif fuq l-*istreet barriers*, (ara fol 72);

8. Illi r-rikorrenti Portelli kien debitament assigurat mas-socjeta` rikorrenti li ghamlet tajjeb ghad-danni minnu sofferti u giet surrogat fid-drittijiet tieghu;

9. Illi skont ir-rapport tal-Pulizija l-istess rikorrenti Portelli iffirma dikjarazzjoni li permezz taghha assuma responsabbilita` ghad-danni minnu inkorsi u li allura kien lest jaghmel tajjeb ghad-danni li sofra, (ara fol 67), ghalkemm l-istess rikorrenti jsostni li ma jidhirlux li ffirma tali dokument, (ara fol 124);

10. Illi stante li l-intimati baqghu inadempjenti ittiehdet il-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti skont l-intimati jistghu komplessivament jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi x-xoghlijiet stradali li kienu qed isiru fis-sit fejn sehh l-incident in dizamina kienu qed isiru mis-socjeta` intimata “Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited”, u kienu qed isiru taht is-supervizjoni tal-intimat

Farrugia, wiehed mid-diretturi tal-imsemmija socjeta`, (ara fol 129 u 130);

2. Illi biex jigi effettwat ix-xoghol stradali in dizamina l-intimati kienu kostretti jghalqu t-triq: " … min tarf sa iehor u f'dan il-kaz ghalaqna t-toroq miz-zewg nahat b'barrikati tal-konkos wahda hdejn wahda. Go nofshom hallejna ftuh kemm jghaddi trakk ezatt minhabba access ghalina u ghall-fabbriki …", (ara fol 130);

3. Illi oltre l-imsemmi zarrament, l-intimati wahhlu anke notifikazzjonijiet appoziti biex jinfurmaw lill-utenti tal-istess *area* li kien hemm it-triq imbarrata hlief ghall-haddiema involuti fl-istess xoghlijiet u ohrajn impjegati fil-fabbriki fil-vicin;

4. Illi finalment kien hemm ukoll tabelli ohra – hemm madwar mitt (100) metru 'l boghod mis-sit involut, kif ukoll ezatt qabel il-barrikati li kienu rispettivament jindikaw " *man at work*" u "*no entry*";

5. Illi s-senjaletika fuq riferita hi ampjament suffragati mir-ritatti esebiti in atti;

6. Illi konsegwentement l-intimati jirribadixxu li m'ghandhomx jinzammu responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi s-segwenti ghandu jkun pacifiku mill-istess verzjoni fornita mir-rikorrenti Portelli:

1. Illi kien qed isuq fi triq li kienet interdetta ghall-vetturi li ma humiex involuti fix-xoghlijiet stradati li kienu qed isiru jew ghall-haddiema impjegati f'fabbriki fil-vicinati;

2. Illi di piu`, jirrizulta li l-istess intimat Portelli kien qed isuq b'velocita` immana;

3. Illi l-istess area li fiha kienu qed isiru x-xoghlijiet indikati kienet adegwatament cirkondata minn senjaletika tajba – anke ghal bil-lejl – li kienet turi li t-triq de quo kienet interdetta ghall-vetturi li ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-akkwata;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li mix-xhieda u mid-dokumenti esposti jirrizulta li r-rikorrenti Portelli kien unikament responsabbli ghad-danni minnu sofferti u dan, stante l-velocita` li biha jirrizulta li kien qed jikkonduci l-vettura minnu misjuqa, molto piu`, fi triq espressament interdetta ghal vetturi estranei ghall-inhawi kif fuq indikat;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet esposti, filwaqt li takkolji r-risposti tal-intimati, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti fuq idnikati bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------